**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 525/22 AL

AB

vs

CD u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2022 kunjom l-intimata gie korrett ghal "B"

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewgu f'Malta fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) gewwa l-Parroċċa ta' San Lawrenz fil-Vittoriosa (Att taż-żwieġ Numru 809/1996) hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla; YB imwielda nhar it-tnejn u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn (22/12/2000) li llum hija gradwata u taħdem fuq bażi full-time.

3. Illi l-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono datat is-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn

u għoxrin (2020) u għalhekk is separazzjoni tagħhom hi regolata b'dan il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B'.

4. Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu flimkien bħala kopja miżżewġa u allura fi stat ta' separazzjoni de facto sa mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (01/01/2018);

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw għal kull dritt ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin; 6. Illi l-partijiet qablu li ma jitolbux u ma jottjenux manteniment mingħand xulxin;

6. Illi l-obbligi ta' manteniment favur bint il-partijiet itterminat ipso facto ai termini tal kuntratt ta' separazzjoni stante li bint il-partijiet illum taħdem fuq bażi full-time.

7. Illi ma jeżisti l-ebda prospett ragjonevoli għar-rikončiljazzjoni bejn il-partijiet;

8. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal Ligijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-kontendenti, liema żwieg sehh fl-ewwel (1) Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996); u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha espona:

Illi preliminarjament jigi ndikat li l-esponenti zammet kunjomha ta’ mizzewga meta l-partijiet isseparaw u ghalhekk l-okkju tal-kawza jrid jigi korrett ghal CB;

Illi l-esponenti mhux ser tirriverti ghal kunjom xbubita u ser izzomm dak ta' zewgha u cioe`" X";

Illi l-esponenti tiddikjara li ma topponiex ghad-divorzju stante li ma hemm ebda possibilta` ta' rikonciljazzjoni u li l-ispejjez u l-manteniment huma kollha mhallsin, b'dan pero` li t-termini kollha miftehma fil-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigu rispettati u jibqghu mpregudikati.

L-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-procedura tad-divorzju li ghandhom jigu mhallsa mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 t'Ottubru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata fejn talbet li l-okkju tal-kawza jigi korrett ghal Sandra Cini u l-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tiddikjara li l-okkju ghandhu jkun "AB vs CBi";

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-16 t'April 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.